A.L. 91 ta' l-1981

ATT TA' L-1976 DWAR IS-SAĦĦA MENTALI
(ATT NRU. XVIII TA' L-1976)

Regolamenti ta' l-1981 dwar l-Isptar (Trasferiment ta' Pazjenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 27 u 34 ta' l-Att ta' l-1976 dwar is-Saħħa Mentali, il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 dwar l-Isptar (Trasferiment ta' Pazjenti). Titolu.

2. (1) Ebda pazjent f'xi sptar ma jista' jiġi trasferit minn xi sptar għal ieħor jekk dak it-trasferiment ma jkunx awtorizzat mill-*manager* ta' l-isptar li fih dak il-pazjent ikun qed jinżamm. Trasferiment ta' pazjenti.

(2) Kull awtorizzazzjoni bħal dik issir fuq il-formula murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Kull awtorizzazzjoni bħal dik tispiċċa jekk ma tingħatax effett mhux iktar tard minn 28 jum wara l-jum li fih tkun iffirmata mill-imsemmi *manager*.

SKEDA

(Regolament 2)

ATT TA' L-1976 DWAR IS-SAĦĦA MENTALI

Awtorità għal trasferiment minn sptar għal ieħor li jkunu taħt "managers" differenti

(1) Isem il-pazjent.

Qed hawnhekk tingħata awtorità għat-trasferiment ta' (1) .....

(2) Isem u indirizz ta' l-isptar li fih il-pazjent għandu jinżamm.

minn (2) .....

.....

(3) Isem u indirizz ta' l-isptar li fih il-pazjent ikun se jiġi trasferit.

għal (3) .....

.....

skond ir-Regolamenti ta' l-1981 dwar l-Isptar (Trasferiment ta' Pazjenti) fi żmien 28 jum mid-data ta' din l-awtorità.

Iffirmat .....

Kariga .....

.....

Reġistrazzjoni ta' Dħul

(Din it-taqsima mhix parti mill-awtorità għal trasferiment iżda għandha timtela iktar tard fl-isptar li fih il-pazjent ikun trasferit)

(4) Isem l-isptar.

Dan il-pazjent ġie trasferit għal (4) .....

..... skond din l-awtorità

(5) Data ta' dħul fl-isptar li jkun qed jirċevih.

fil- (5) ..... 19 .....

Iffirmat .....

għall-*Manager*

Data ..... 19 .....